# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAS-27 TA' ĠUNJU 2019

**Kawża Numru: 3**
**Rik. Kost. 91/2018 RGM**

**Antonio Gatt**
**(I.D. 1020448 (M))**

**vs.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Rat ir-**rikors tal-attur Antonio Gatt** ippreżentat fis-17 ta' Settembru, 2018, li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti gie arrestat u interrogat mill-Pulizija Ezekuttiva fit-23 ta' April, 2001, u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' April, 2001 u fl-ahhar

granet qabel dik id-data, assocja ruhu ma' xi persuna/i ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer jew li jippromovi, jikkostitwixxi jew jiffinanzja l-assocjazzjoni; importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta u li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina minghajr awtorizzazzjoni.

2. Illi r-rikorrent deher ghall-ewwel smiegh tal-kawza fil-25 ta' April 2001 fejn bdiet il-kumpilazzjoni.

3. Illi fl-10 ta' Mejju, 2001 l-iSpettur Neil Harison talab zieda fl-imputazzjoni, fejn l-Avukati difensuri ezentaw lill-Prosekuzzjoni mill-qari mill-gdid tal-akkuzi u rega sar l-ezami tar-rikorrenti u ta' ko-akkuzat iehor.

4. Illi r-rikorrenti inghata l-helsien mill-arrest fis-16 ta' Lulju, 2001 fejn fost il-kundizzjonijiet kien mehtieg li jinzamm taht house arrest salv il-hinijiet ta' bejn l-10am u l-11am u s-6pm u s-7pm.

5. Illi fil-21 ta' Mejju 2002 imhareg l-att t'akkuza kontra Lawrence Gatt u r-rikorrent.

6. Illi fl-20 ta' Awwissu 2002 ir-rikorrent gie mharrek biex jidher fit-18 ta' Settembru 2002 quddiem il-Qorti Kriminali.

7. Illi fit-18 ta' Marzu 2004 l-qorti Kriminali ddecediet li thalli l-guri ghal data ohra skond il-proviso ta' Art 439, laqat it-talba tal-Avukat Generali u sussegwentement iddiferixxiet il-guri sine die.

8. Illi fit-30 ta' Lulju 2015 il-Qorti Kriminali laqet it-talba tar-rikorrent u ordnat illi ghandu jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza kriminali taghha.

9. Illi fil-11 ta’ Lulju 2018 inghatat sentenza, liema sentenza ma sabitx lill-esponent hati tal-imputazzjoniijiet migjuba kontra tieghu u in fatti gie liberat minnhom.

10. Illi bilkemm hemm ghalfejn jinghad illi t-trapass ta’ sbatax -il sena biex tigi deciza tali kawza mhuwiex zmien ragjonevoli.

11. Illi bejn it-23 ta’ April u l-ahhar ta’ Settembru 2004, ir-rikorrent kien sospiz u kien jiehu biss nofs il-paga.

12. Illi matul dawn is-sbatax il-sena, r-rikorrent kien suggett ghal sekwestru tal-flejjes u l-proprjeta` mobbli u immobbli kollha li kienu dovuti jew imissu lilhu jew kienu proprjeta` tieghu u kien ukoll projbit milli jitrasferixxi jew jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli.

13. Illi ghal hmistax -il sena shah l-esponent kien marbut bil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, fejn ghalkemm varjati minn l-ewwel darba li gew imposti fuqu sbatax –il sena ilu, xorta wahda sal-2016 kien mehtieg jirrinkaza fil-23.30pm u jiffirma l-ghassa tad-distrett darba fil-gimgha.

14. Illi ghar-ragunijiet premessi, tul il-perjodu ta’ dawn is-sbatax -il sena d-dritt tar-rikorrenti ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-bniedem u Libertajiet Fundamentali hekk kif applikabbli bhala parti fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-Kap 319, kif ukoll fl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, gie lez.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikkjara li t-trapass taz-zmien li l-proceduri istitwiti kontra r-rikorrent fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Antonio Gatt et, li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 2018, hadu biex ikunu maghluqa u cioe` trapass ta' sbatax -il sena, kien wiehed li jmur kontra l-principju ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Tindirizza dan in-nuqqas u ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem b'kumpens gust u dan taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat **ir-risposta tal-Avukat Generali** ppreżentata fid-19 t'Ottubru, 2018, fejn jingħad kif ġej:

1. Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega li garrab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali li gew istitwiti kontrih.

2. Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Minn ezami tal-verbali tas-seduti tal-kawza kriminali ma jirrizultax li kien hemm dewmien mill-prosekuzzjoni jew mill-Avukat Generali biex jingabru il-provi tal-kumpilazzjoni. Fil-fatt ir-rikorrent tressaq il-Qorti b`arrest fil- 25 t`April 2001 u l-att t`akkuza fil-konfront tieghu inhareg fil-21 ta` Mejju 2002 li certament meta wiehed janalizza il-komplessita tal-kaz zgur li huwa zmien ragjonevoli. Tajjeb li jigi enfasizzat li dan kien kaz ta` importazzjoni u traffikar ta` droga pjutost kumplikat fejn pakketti ta` droga gew mibghuta lejn Malta mill-Kanada u fejn il-pulizija damu diversi granet sakemm ikkonkludew l-inverstigazzjonijiet taghhom. Ukoll, din l-investigazzjoni

waslet ghal arrest ta` diversi persuni fosthom tar-rikorrent Antonio Gatt. Jidher li r-raguni ghalfejn il-kawza tar-rikorrent damet ma giet deciza definittivament kienet peress li l-Avukat Generali talab lil Qorti Kriminali sabiex il-guri ma jigiex appuntat qabel ma tkun deciza il-kawza fil-konfront ta` Simon Xuereb li kien xhud importanti tal-prosekuzzjoni. Din it-talba giet milqugha mill-Qorti Kriminali u iddifferiet il-kaz tar-rikorrenti sakemm jigu decizi l-proceduri kontra Simon Xuereb. Sfortuntamanet il-kaz ta` Simon Xuereb dam xi ftit sakemm inqata u b`hekk dan il-fatt kellu impatt fuq l-andament tal-kawza kriminali kontra r-rikorrenti. Pero` hija setgha moghtija mil-ligi li l-Avukat Generali jaghmel dawn it-tip ta` talbiet sabiex primarjament ikun hemm it-tfittxija ghal-verita` u jitressqu l-ahjar provi kemm favur kif ukoll kontra l-akkuzat. Jirrizulta ukoll li kien hemm dilungar zejjed peress li kemm il-prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza riedu jirregolaw ruhhom in vista tal-emendi li kienu ser jigu adottati rigward il-Kap 101 tal-LIgijiet ta` Malta.

4. Jekk ir-rikorrent gie sospiz mix-xoghol u beda jiehu nofs il-paga dan huwa konsegwenza tal-ligijiet li jirrigwardaw dixxiplina fuq il-post tax-xoghol pero` dik in-nofs il-paga li inzammet tinghata lura jekk ma jinstabx hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

5. Ir-rikorrent ma kienx korrett meta jghid li kien suggett ghas-sekwestru tal-assi tieghu. Li kien suggett huwa ghall-iffrizar tal-assi li hija mizura tassattiva u temporanja pendenti il-proceduri kriminali u dan ai termini tal-Kap 9.

6. Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta’ process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita’ tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta’ l-awtorita’ jew awtoritajiet relevanti – f’dan il-kaz l-agir ta’ awtorita’ gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex

Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

7. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent.

8. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

9. Illi jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.

10. Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta' snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli ghaliex dan id-dewmien kien gustifikat.

11. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża inkluż l-atti proċesswali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Antonia Gatt deċiża fil-11 ta' Lulju 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fis-16 t'April 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2019

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Provi**.

Illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda dewmien minn proċeduri kriminali li ħadu tmintax-il sena sakemm ir-rikorrent ingħata ġudizzju fuq ir-reat allegatament minnu kommess. Il-Qorti ser tibda billi tagħmel sommarju tal-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali..

Illi r-rikorrenti flimkien ma' erba' imputati oħra tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fil-25 t'April 2001 fuq traffikar jew trasferiment tad-droga kokaina ta' ftit aktar minn żewġ kilogrammi. Id-droga nstabet ġewwa pakkett postali mibgħut mill-Kanada. Fuq awtorizzazzjoni tal-Maġistrat tal-Għassa l-konsenja tad-droga kellha ssir b'mod ikkontrollat ai termini tal-Kapitolu 101 (Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi). Din l-operazzjoni bdiet fis-27 ta' Marzu u baqgħet għaddejja sal-24 t'April 2001.

Illi waqt is-seduta tal-25 t'April 2001, ġie nominat Perit Legali sabiex jirrelata dwar il-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli fil-pussess tal-imputati, kif ukoll projbit lill-akkużati, inkluż għalhekk lil Antonio Gatt, milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi propjetà mobbli jew immobbli.

Illi wara tnax-il seduta (l-aħħar seduta kienet fid-19 t'April 2002 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandhiex aktar provi xi tressaq) u smigħ ta' disgħa u tletin xhud (39), inħareġ l-att ta'akkuża speċifikament fil-21 ta' Mejju 2002. L-ewwel seduta quddiem il-Qorti Kriminali kienet iffissata għat-18 ta' Settembru 2002 waqt liema seduta ġiet trattata l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-akkużat Lawrence Gatt, ħu r-rikorrent. Fis-6 ta' Diċembru 2002 ingħatat id-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari. Fl-istess seduta ġiet ippreżentata nota t'appell. B'digriet tas-7 ta' Jannar 2003, l-appell ġie appuntat għas-smigħ ghall-20 ta' Marzu 2003; wara li sar is-smigħ il-kawża ġiet differita għas-sentenza u fil-fatt is-sentenza ġiet moqrija fit-22 ta' Mejju 2003.

Illi b'digriet tat-28 t'Ottubru 2003 il-Qorti Kriminali riappuntat il-kawża għas-smigħ għal 14 ta' Ġunju 2004. Fis-27 ta' Frar 2004, l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti li jekk sal-14 ta' Ġunju 2004, il-proċeduri kriminali kontra Simon Xuereb ikunu għadhom mhux konklużi, il-ġuri ta' Lawrence Gatt u Antonio Gatt għandu jiġi differit għad data oħra.[1] Wara li l-Qorti Kriminali rat ir-risposta tal-akkużati, hija għaddiet biex laqgħet it-talba tal-Avukat Ġenerali fit-18 ta' Marzu 2004 u ddiferit il-kawża "*sine die* sabiex jiġi appuntat kemm jista' jkun malajr wara li hi tiġi nfurmata b'nota tal-Prosekuzzjoni[2] li l-proċeduri kontra x-xhud Simon Xuereb ikunu ġew konklużi definittivament"[3].

Illi ftit wara sena, u ċioe fis-27 t'April 2005, Antonio Gatt ġab a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali permezz ta' nota is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tal-1 t'April 2005 fl-ismijiet *The Republic of Malta vs. Greogroy Robert Eyre et,* li l-proċeduri kontra Emmanuel Gauci kienu differiti għas-sentenza u li l-proċeduri kontra Simon Xuereb kienu għadhom ma ġewx definittivament deċiżi. In segwietu għal din in-nota il-Qorti Kriminali appuntat il-kawża għas-smigħ għat-13 ta' Ġunju 2005, iżda l-

[1] Paġna 1357 tal-proċess kriminali.
[2] Enfasi miżjud.
[3] Paġna 1366 tal-proċess kriminali.

Avukat Ġenerali għal darb'oħra ppreżenta rikors fl-istess ġurnata li ingħata d-digriet għas-smigħ, fil-5 ta' Mejju 2005, jitlob lill-Qorti sabiex tiddeferixxi l-ġuri u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2005 din it-talba intlaqat u rriservat "li tappunta appena l-Avukat Ġenerali b'nota jinforma lill-Qorti[4] li l-ostakolu għas-smigħ imsemmi fin-nota tal-akkużat Antonio Gatt ikunu intemmu". Għajr għal xi rikorsi mill-akkużati sabiex ivarja il-kundizzjonijiet ta *house arrest* u rikorsi relatati ma' vetturi tal-akkużati ma kien hemm l-ebda rikorsi oħra relatati per se mal-prosegwiment tal-kawża. Wara li l-Qorti Kriminali rat ir-rapport tal-Marixxall fuq in-notifika tal-Att t'Akkuża; bis-saħħa ta' digriet tat-3 ta' Marzu 2014 ordnat is-smigħ tal-kawża għall-10 ta' Marzu 2014. Is-seduta tal-10 ta' Marzu 2014 inżammet u l-Qorti ġiet infurmata li jeħtieġ li jsiru xi diskussjonijiet bejn il-partijiet u għalhekk iddifferit il-kawża għall-11 t'April 2014. F'din is-seduta kien hemm qbil bejn il-partijiet li jeħtieġ aktar żmien għad-diskussjonijiet bejniethom. Kawża ġiet differita għas-16 ta' Mejju 2014, iżda l-Qorti kienet indisposta f'dik id-data u għalhekk is-smigħ ġie differit għas-16 ta' Ġunju 2014. F'din is-seduta għal darb'oħra kien hemm qbil bejn il-partijiet li għandu jkun hemm differiment sabiex jilħqu jgħaddu ċerti emendi mill-Parlament. Fid-differimenti sussegwenti jirriżulta li l-partijiet kellhom bżonn aktar żmien sabiex jirregolaw ruħhom sakemm finalment fis-seduta tat-8 ta' Mejju ġie osservat li kien hemm rikors rigward id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali pendenti u għalhekk il-kawża tħalliet għat-8 t'Ottubru 2015.

Illi fit-12 ta' Settembru 2014[5] Antonio Gatt ippreżenta rikors jitlob lill-Qorti sabiex ikun iġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-imsemmi rikors instema fil-25 ta' Settembru 2014 fejn l-avukat tal-Prosekuzzjoni talbet differiment peress illi kellha bżonn aktar żmien biex tieħu konjizzjoni tar-rikors. Fid-differiment sussegwenti tat-23 t'Ottubru 2014, il-partijiet talbu differiment peress illi kien għad hemm xi diskussjonijiet għaddejjin. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, l-avukat tal-Prosekuzzjoni talbet differiment peress illi xtaqet aktar żmien biex tipprepara

[4] Enfasi miżjud.
[5] Paġna 1491 tal-proċess kriminali.

l-każ peress illi dan hu konness ma' seba' kawżi oħra u xtaqet li, jekk ikun hemm il-ħtieġa, jinstema' l-ex-Assistent Kummissarju Neil Harrison. Fil-11 ta' Frar 2015, sar verbal mil-legali tal-akkużati u l-avukat tal-Prosekutur talbet żmien biex tirrispondi b'nota. Fid-differiment ta' wara ma ġara xejn u fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 saret talba mil-legali tal-akkużat Antonio Gatt sabiex jitilgħu jixhdu Neil Harrison u mart Antonio Gatt stess; din it-talba ġiet milqugħa. Fil-15 ta' Lulju 2015 mart Antonio Gatt xehdet u fit-23 ta' Lulju 2015 xehed l-ex-Assistant Kummissarju Neil Harrison; f'din is-seduta il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jresqu. Kien fit-30 ta' Lulju 2015 li l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba ta' Antonio Gatt sabiex il-każ tiegħu jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet fl-10 ta' Diċembru 2015 fejn fiha ma ġara xejn. Fil-mori tal-kawża, proprju fis-17 ta' Frar 2016 Antonio Gatt ippreżenta rikors għar-revoka ta' rinkazar kif ukoll revoka tal-kundizzjoni li jiffirma fl-għassa tad-distrett. Fit-3 ta' Marzu 2016, il-Qorti ġiet infurmata mill-partijiet li m'hemmx għalfejn terġa tisma' x-xhieda. Fis-7 ta' Marzu 2016 it-talba ta' Antonio Gatt tas-17 ta' Frar 2016 ġiet milqugħa "b'dan illi l-kondizzjonijiet l-oħra tal-libertà proviżorja jibqgħu in vigore".[6] Waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2016, il-Prosekuzzjoni d-dikjarat provi magħluqa iżda b'rikors tal-11 t'Ottubru 2016 il-Prosekuzzjoni għamlet rikors sabiex tressaq xi xhieda. Id-difiża rrispondiet għal dan ir-rikors waqt is-seduta tad-19 t'Ottubru 2016 u verbalizzat: "B'referenza għal dan ir-rikors id-difiża filwaqt li tirrimetti ruħha, tirrileva li dawn il-proċeduri ilhom pendenti 'l fuq minn 15-il sena". Il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni. Fis-seduti sussegwenti jirriżulta s-segwenti:

a. Fil-15 ta' Frar 2017 ma ġara xejn;
b. Fis-16 ta' Marzu 2017 telgħu żewġ xhieda;

[6] Illi tajjeb jingħad f'dan l-istadju li bis-saħħa ta' digriet tas-17 t'April 2001[6], ir-rikorrent ingħata ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jinżamm taħt *house arrest* salv il-ħinijiet bejn id-9 u l-10 ta' filgħodu u s-6 tas-7 ta' filgħaxija. Dan id-digriet ġie varjat diversi drabi matul it-18-il sena li damu għaddejjien il-proċeduri kriminali.

c. Fil-15 ta’ Ġunju 2017 instemgħu tlett xhieda;
d. Fid-10 t’Ottubru 2017 ix-xhud ma kienx notifikat nonostante d-diversi tentattivi;
e. Fis-7 ta’ Novembru 2017 instema’ xhud wieħed u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li m’għandhiex aktar provi xi tressaq;
f. Fil-31 ta’ Jannar 2018 irriżulta li t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-ex-Assistant Kummissarju Neil Harrison minnu mogħtija fit-23 ta’ Lulju 2015 ma kinitx inserita fil-proċess u għalhekk il-kawża ġiet differita għal kontinwazzjoni;
g. Fil-21 ta’ Frar 2018 id-difiża ddikjarat li m’għandhiex provi xi tressaq. Il-partijiet ingħataw il-fakultà jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub iżda d-difiża informat lill-Qorti illi għal kull buon fini hija tixtieq tagħmel is-sottomissjonijiet finali tagħha bil-fomm;
h. Fil-25 t’April 2018 saret it-trattazzjoni tad-difiża;
i. Fil-11 ta’ Lulju 2018 ingħatat is-sentenza fejn permezz tagħha Antonio Gatt ġie “liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu”.

Ikkunsidrat

**Kunsiderazzjonijiet**.

**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi illi:-

"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi."

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni:-**

(1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b`ligi.

(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew lestensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli"

Illi wieħed mill-elementi ewlenin li jeħtieġ jiġi analizzat meta jkun hemm proċeduri li jkunu qegħdin jikkontestaw id-dewmien ta' proċeduri hija jekk dak id-dewmien kienx wieħed raġonevoli. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kellha diversi okkażjonijiet tiddetermina x'għandu jiġi kkunsidrat bħala 'dewmien raġonevoli'. Fil-każ **Buchholz v. Germany** (Appl. Nru. 7759/77) deċiża fis-6 ta' Mejju 1981, l-imsemmija Qorti rriteniet li "49. *The reasonableness of the length of proceedings [...] must be assessed in each case according to the particular circumstances. In respect of criminal matters, the Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...";* "70. *[...] the importance of what was at stake for the applicants in the litigation*" kienet ukoll miżjuda mill-QEDB fil-kawża **Gast & Popp v. Gemany** (Appl. Nru. 29357/95) deċiża fil-25 ta' Frar 2000[7]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ukoll irriteniet li "The Court of Justice of the European Union held "*that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct*

[7] Ara wkoll **Gordeyev v. Russia** (Appl nru. 40618/04) deċiża mill-QEDB fil-5 ta' Frar 2015.

*of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited).”*[8]

Illi l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb <u>Law of the European Convention on Human Rights</u> (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

*"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings…against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [**H v France** A 162-A )1989); 12 EHRR 74 para 58]. In criminal cases, it is also 'designed to avoid that a person charged should remain too long in a state of uncertainty about his fate' [**Stogmuller v Austria** A 9 (1969) p 40, 191. Cf **Wemhoff v Germany** A 7 (1968); 1 EHRR 55]. In such cases, the effect that being an accused has upon a person's reputation is relevant too."*

Illi tal-istess fehma huwa **William A. Schabas** fil-ktieb <u>The European Convention on Human Rights: A Commentary</u> (l-Ewwel edizzjoni (2017)):

*"The rationale for the [reasonable time] principle, in criminal proceedings, 'is based on the need to ensure that accused persons do not have to remain too long in a state of uncertainty as to the outcome of the criminal accusations against them' [**Kart v Turkey** [GC] no 8917/05 para 68 ECHR 2009]. Furthermore, 'the vicissitudes of criminal proceedings that remain pending for too long generally also harm the reputation of the alleged offender' [ibid, p 70]."*[9]

[8] C-50/12P, **Kendrion NV v. European Commission** deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fis-26 ta' Novembru 2013, para 96-97

[9] Paġna 291 tal-ktieb.

Illi l-awturi surreferiti fil-ktieb <u>*Law of the European Convention on Human Rights*</u> (r-raba' edizzjoni (2018)) jgħidu hekk dwar il-fatturi li l-qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni:

*"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [**Konig v Germany** A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and **Pedersen and Baadsgaard v Denmark** 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [**Konig v Germany**; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [**Frydlender v France** 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. **Surmeli v Germany** 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*

Illi huwa imperattiv li jingħad f'dan l-istadju li t-test ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri kriminali għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno.[10] Fil-kawża **Anton Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. nru. 71/2010) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016 ikkunsidrat illi:-

"Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."[11]

---

[10] Ara ***Francis Said vs. L-Avukat Ġenerali*** (Rik Kost Nru. 30/2007) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010.

[11] Ara wkoll **Omar Osman Omar et vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 29/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.

F'sentenza mogħtija reċentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet "**Patrick Falzon vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et.**" ġiet iċċitata sentenza mogħtija mill-istess Qorti fis-26 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet "**Victor Buttigieg vs Avukat Generali**" fejn ġie ritenut illi:-

"46. Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tara x'kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili."

Illi ż-żmien raġonevoli fi proċeduri kriminali huwa ġeneralment imkejjel mill-mument li l-persuna hija infurmata li hemm *charge* kontra tagħha, għaliex dan huwa l-mument li l-persuna għandha interess li l-akkuża tiġi determinata u konkluża.[12] Dan iż-żmien huwa imbagħad imkejjel sal-mument ("*dies ad quem*") li dik l-inċertezza kkawżata mill-proċeduri pendenti tkun ġiet konkluża u ċioe meta jkun hemm id-deċiżjoni finali jew it-terminu sabiex isir appell ikun għadda.[13]

Illi **Stephanos Stavros** fil-ktieb ***The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights*** spjega li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*". Dewmien fil-proċeduri toħloq fil-persuna akkużata inċertezza dwar jekk huwiex ser jinstab ħati jew le u xi jżomm għalih il-futur. Kif ġie ritenut fil-każ **Abdoella v. The Netherlands** deċiż mill-

[12] ***Dobbertin v France*** (Appl. Nru. 13089/87) deċiża mill-QEDB fil-25 ta' Frar 1993, §38.
[13] ***Angelucci v. Italja*** (Appl. Nru. 12666/87) deċiża mill-QEDB fid-19 ta' Frar 1991, § 15.

QEDB fil-25 ta' Novembru 1992, dak li għandu jiġi kkunsidrat huwa "*What was at stake for the applicant"* bħala konsegwenza tal-proċeduri kif ukoll tad-detenzjoni.

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kif qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti u jekk huwiex minnu li kienu jeżistu ċirkostanzi fil-każ kriminali li għamlu l-każ ikkumplikat u kien għalhekk li l-proċeduri ħadu tmintax-il sena sabiex jiġu konklużi.

- *Dewmien minħabba komplessità*

Illi każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni akkużati, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta, il-kumplessita ta' punti legali kif ukoll il-ħtieġa ta' evidenza ta' akkużati oħra. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb tagħhom surreferit qalu hekk dwar il-punt ta' kumplessita ta' proċedura:

*"As to the first of the three factors listed above, a case may be complex for many reasons, such as the volume of evidence, the number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad, or the complexity of the legal issues involved. Although the Court takes into account a case's complexity, there may come a point where it will simply regard the proceedings as too long to be reasonable [See* ***De Clerck v Belgium*** *hudoc (2007) para 57 (nearly 17 years and still pending; money laundering and fraud)]."*

*[...]*

*"In* ***Ferrantelli and Santangelo v Italy*** *[1996-III, 23 EHRR 288 para 42. For other such cases see eg* ***Comingersoll SA v Portugal****;* ***Gumusten v Turkey*** *(2004);* ***Uoti v Finland*** *(2004);* ***Obasa v UK*** *(2003);* ***Jordan v UK*** *(No 2) (2002);* ***Ruotolo v Italy*** *(1992)] the court found a violation where a difficult*

*murder trial had taken 16 years. Although, apart from an 'inexplicable period of stagnation of nearly two years during the first investigation', the case had proceeded regularly, such a length of time was just too long to be 'reasonable'."*

Illi fil-każ in eżami huwa minnu li nstemgħu diversi xhieda, iżda dawn ix-xhieda instemgħu fi żmien sena u ċioe mill-25 t'April 2001 sad-19 t'April 2002. Kien biss fis-sena 2004 li l-Prosekuzzjoni ħasset il-ħtieġa li l-ewwel għandhom jiġu konklużi l-proċeduri kontra Simon Xuereb qabel jinstema' l-ġuri kontra Antonio Gatt u Lawrence Gatt u dan sabiex l-istess Simon Xuereb ikun jista' jixhed fil-proċeduri kontra r-rikorrent. Illi l-Qorti tosserva li Simon Xuereb fil-fatt kien diġà ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-26 ta' Ġunju 2001 u kompla jixhed waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2001 u dan nonostante li huwa kien ġie infurmat mill-Qorti li huwa jista' jikkrimina ruħu iżda wara li ħa l-parir tal-legali tiegħu huwa kien dispost li jixhed u fil-fatt hekk għamel fiż-żewġ seduti imsemmija. Jirriżulta wkoll lil din il-Qorti li Simon Xuereb ta x-xhieda tiegħu wkoll fil-proċeduri kontra l-ko-akkużati l-oħra liema proċeduri kienu qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[14]. Illi għalkemm huwa minnu li l-Prosekuzzjoni għandha l-jedd tikkontrolla x-xhieda tagħha u m'hijiex fil-kompetenza tal-Qorti li ċċaħad il-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda li hija tħoss utli sabiex tissostanzja l-każ tagħha, biss pero' din il-Qorti tosserva li fil-proċeduri odjerni ma jirriżultax li l-intimat iġġustifika l-insistenza li saret mill-Prosekuzzjoni fil-proċeduri penali in diżamina li l-ewwel għandhom jintemmu l-proċeduri kontra Simon Xuereb qabel jitla' jixhed fil-ġuri kontra Antonio Gatt meta jirriżulta li Simon Xuereb ma sabx oġġezzjoni li jagħti x-xhieda tiegħu kemm fil-proċeduri kontra Antonio Gatt kif ukoll kontra l-ko-akkużati l-oħra. Illi l-Qorti ma tarax li dan il-fatt waħdu jagħmel il-każ kompless, lanqas tara li kien hemm komplessità enormi għaliex id-droga kienet ġejja mill-Kanada meta mill-proċess kriminali ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni kienet qed tistenna xi evidenza mill-Kanada. Magħdud ma'

[14] Paġna 1536 tal-proċess kriminali.

dan, fil-fehma tal-Qorti l-każ tant ma kienx kompless li l-ġbir ta' provi sar kollu fi zmien raggonevoli.

Illi fil-kawża **Edwin Bartolo vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. Nru 571/1996) deċiża fit-28 ta' Diċembru 2001, il-Qorti Kostituzzjonali ukoll kienet ġiet ri-infaċċata bil-fatt li kien hemm dewmien fi proċeduri kriminali peress li l-ewwel kien hemm il-ħtieġa li jinstema' xhud qabel ikun hemm il-prosegwiment tal-ġuri. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"L-intimat semma li kien mehtieg f'dan il-kaz li qabel jigi akkuzat ir-rikorrent jigu l-ewwel konkluzi il-proceduri fil-konfront ta' persuni li originarjament kienu imputati flimkien mar-rikorrent. Il-Qrati Ewropeja fuq dewmien ta' dan it-tip iddecidiet li *"whereas it may be sensible to hear cases against two or more accused persons together, this cannot "justify substantial delay" in the bringing of a case against any one of them"* (Hentrick vs France (1994) Kemmache vs France (1991). *"A fair balace has to be struck between the principle that judicial proceedings should be expenditious and the more general principle of the proper administration of justice. (Boddaert v Belgium 1992).*"

Illi minn ħarsa tas-sommarju tal-proċeduri kriminali fuq redatt jirriżulta li ma kien hemm l-ebda dewmien:-

a. fil-ġbir tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja għaliex dan ġie konkluż fi żmien sena;
b. sabiex jinħarġu l-atti t'akkuża u jkun hemm l-ewwel smigħ u deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;
c. meta ingħatat is-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali;
d. fir-riappuntament mill-Qorti Kriminali.

Illi d-dewmien f'dawk il-proċeduri ġew ikkawżati mill-Prosekutur. Dan jingħad fid-dawl tal-fatt li nonostante li l-Qorti Kriminali issolleċitat lill-Prosekuzzjoni kemm fid-digriet tat-18 ta' Marzu 2004 kif ukoll fid-digriet tal-5 ta' Mejju 2005 sabiex tinforma lill-Qorti mingħajr dewmien meta jintemmu

l-proċeduri b'mod definit kontra Simon Xuereb, mill-atti jirriżulta li hekk kif ġiet finalizzata l-azzjoni kontra Simon Xuereb u ċioe fl-20 ta' Mejju 2009, l-intimat Prosekutur naqas milli jinforma lill-Qorti b'dan. Kienet ir-responsabbilità tal-intimat li jagħmel dan. Għalkemm ir-rikorrent kellu interess bħala akkużat f'dawk il-proċeduri li jieħu l-inizjattiva u jinforma lill-Qorti tant li l-proċeduri kontrih setgħu ġew konklużi ferm qabel l-2018, huwa ma kienx obbligat li jagħmel dan. Fis-sentenza mogħtija mill-QEDB fl-1982 fl-ismijiet **Orchin v. UK** (Appl. Nru 8435/78) ġie konkluż li huwa l-istat responsabbli għan-negliġenza fid-dewmien sabiex jitwaqqfu proċeduri kontra l-akkużat; ma jistax jingħad li l-akkużat naqas milli jitlob il-waqfien tal-proċeduri: "*The Commission is satisfied that he did not draw the attention of the prosecuting authorities to the matter. If he had done the charges would probably have been dropped much earlier. However in the Commission's view it was the sole responsibility of the prosecuting authorities to take steps to terminate the proceedings reasonably promptly after they had decided not to proceed. The applicant's silence cannot alter the fact that they failed to do so.*"

Illi din il-Qorti tapprezza illi d-deċiżjoni tal-Prosekutur sabiex il-ġuri ma jinstemax qabel tiġi determinata l-kawża kontra Simon Xuereb, fiha infisha ma timpinġix fuq il-garanziji tad-dritt għal smigħ xieraq u ittieħdet għall-aħjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u ċertament mhux bl-intenzjoni li jitwalu inutilment il-proċeduri penali kontra r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi aġir li jirrispetta l-garanziji ta' smigħ xieraq fit-termini tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta' smigħ xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal għal dewmien mhux raġjonevoli fid-determinazzjoni tal-proċess ġudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu u detriment gravi lill-akkużat.

Illi dewmien ieħor li din il-Qorti tosserva huwa dak li seħħ proprju fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Id-dewmien għal darb'oħra huwa min-naħa tal-Prosekuzzjoni u dan għaliex wara li fit-12 ta' Mejju 2016 iddikjarat li m'għandhiex aktar provi, kien biss tmient ijiem qabel is-seduta u ċioe fil-11 t'Ottubru 2016 li

għamlet rikors titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tressaq xi xhieda – ħames xhur wara s-seduta li fiha l-Prosekuzzjoni d-dikjarat li m'għandhiex provi xi jressaq. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm id-dewmien f'dak l-episodju tal-kawża ma kienx wieħed sostanzjali, xorta jibqa' dewmien u dan minħabba negliġenza min-naħa tal-Prosekuzzjoni.

Illi għalkemm kien hemm dewmien min-naħa tal-Prosekuzzjoni meta l-legali tal-Prosekuzzjoni talbet minn tal-anqas żewġ differimenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-atti (25 ta' Settembru 2014 u 12 ta' Novembru 2014), jirriżulta mill-atti li diversi differimenti oħra kienu saru fuq talbiet magħmula b'mod konġunt mill-partijiet minħabba diskussjonijiet li kienu għaddejjin bejn il-Prosekuzzjoni u l-akkużat u minħabba informazzjoni oħra (fil-proċeduri tal-ġuri: 10 ta' Marzu 2014, 11 t'April 2014, 16 ta' Ġunju 2014, 22 t'Ottubru 2014 u 30 ta' Jannar 2015; fir-rikors sabiex il-proċeduri jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali: 23 t'Ottubru 2014).

Illi in vista tas-suespost għalhekk din il-Qorti tosserva li kien hemm dewmien prinċiparjament fis-smigħ tal-ġuri u dan minħabba delungar min-naħa tal-Prosekuzzjoni  u ċertament li mhux minħabba xi atteġġjament min-naħa tar-rikorrent/akkużat.

Illi hija l-fehma ferma ta' din il-Qorti illi n-nuqqas ta' prosegwiment fil-proċeduri kontra Antonio Gatt quddiem il-Qorti Kriminali mill-2004 sal-2015, għaxar snin u fuqhom, jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.  Il-Qorti ma ssibx li kien hemm lezzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent referribbli għall-perijodu mill-2001 sal-2004 u mill-2015 sal-2018.  Jirrizulta illi f'dan l-aħħar perijodu kien hemm diversi istanzi fejn l-istess rikorrent flimkien mal-prosekuzzjoni talbu differiment.  Jibqa' l-fatt pero' illi għal aktar minn għaxar snin bejn is-sena 2004 u s-sena 2015 ir-rikorrent kien qed jgħix fi stat ta' animazzjoni sospiża bil-proceduri penali kontra tieghu weqfin ghal kolox.

Illi mill-affidavit ippreżentat mir-rikorrent kif ukoll minn martu f'dawn il-proċeduri jirriżulta li l-perjodu ta' inċertezza ikkawża anzjeta kbira fuq

Antonio Gatt u fuq il-familja tiegħu. Dan ma ġiex ikkontestat mill-kontro-parti. Din il-Qorti tifhem illi għar-rigward tar-raġonevolezza tad-dewmien għandha ssir distinzjoni bejn proċess kriminali u dak ċivili, għax fejn il-libertà jew il-gieħ tal-persuna jkunu ta' tħassib, hu mportanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu neċessarju. Il-konsegwenzi ta' dewmien irragjonevoli fi proċess penali, b'differenza ta' dewmien irraġjonevoli fi proċess ċivili, huwa li f'ta' l-ewwel ħafna drabi l-impatt noċiv huwa ferm aktar gravi speċjalment meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni il-fatt, bħal fil-każ odjern, fejn ir-rikorrent kien qed jiffaċja il-possibilita' ta' sentenza karċerarja.

Rilevanti s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjoni fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 11/2013) deċiża fis-27 ta' Mejju 2016:

"26. Mizjud ma' dan hemm il-fatt sostnut mir-rikorrent li matul il-kumpilazzjoni hu kien qed jigi akkuzat bir-reat gravi ta' traffikar ta' sustanzi illegali, akkuza li mhux biss iggib maghha pieni horox, izda bla dubju hija sors ta' ansjeta` qawwija ghal dak li jkun u ta' stress konsiderevoli lilu u lill-membri familjari qrib tieghu. B'dan il-Qorti ma tridx tfisser illi in kwantu giet ceduta l-akkuza l-izjed gravi ta' traffikar ta' sustanzi illeciti, allura l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja jirrizultaw awtomatikament lezivi tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent. Ifisser pero` li l-gravita` tal-akkuza necessarjament timpingi fuq l-istat mentali tal-akkuzat u tista' tkun sors ta' problemi konsegwenzjali illi jistghu jinholqu fl-imputat waqt il-kors tal-proceduri in kwistjoni."[15]

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Portelli et vs. Avukat Generali et**, dwar dewmien ta' seba' snin sabiex tingħata s-sentenza ingħad:

"[28] Tosserva wkoll li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b`xi mod dan id-dewmien ta` seba` snin ghall-ghoti tas-sentenza,

[15] Enfasi miżjud.

liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat il-komplessita` tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f`dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta` anzjeta` u frustrazzjoni ….da parti taghhom, u ta` dan, ghandhom jigu kkumpensati."

Illi *a contrario* ta' dak eċċeppiet mill-Avukat Ġenerali, dikjarazzjoni ta' leżjoni m'hijiex waħda suffiċjenti f'din il-kawża, jimmerita għalhekk li r-rikorrent jiġi kkompensat tad-dewmien irraġjonevoli, liema dewmien ħoloq pregudizzju gravi fuq ir-rikorrent.

- ***Kumpens***

Illi fir-rigward tal-kumpens għal-leżżjoni tad-dritt fundamentali l-Qorti tagħmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 71/2010) deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 t'April 2015:

"La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru x'imisshom ikunu l-effetti ta' proċedimenti kriminali meta jinstab ksur tal-element tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Xi kittieba juru l-fehma li "*It would seem to ensue from this provision that, if the reasonable time has been exceeded and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the civil action and the criminal charge be declared inadmissible. However, in the Strasbourg case law a more flexible view has been adopted: 'an excessive length of criminal proceedings can in principle be compensated for by measures of the domestic authorities, including in particular a reduction of the sentence on account of the length of procedure'. ... in criminal procedures the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the reasonable time has been transgressed: another, more proportionate compensation should be*

*awarded to the victim of the transgression*" [Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* paġ. 611];

"Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni [u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni], jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ [K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha [Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et]***. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*" [Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***]".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali** (Rik. Kost. Nru 11/2013) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju 2016 jingħad hekk fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni morali:-

"Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens gust u li jkun jirrifletti c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti ghandha tikkonsidra, il-fatturi segwenti:

"a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv; b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti; c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien necessarjament iggenera f'persuna akkuzata; d. in-nuqqas tar-

rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom; e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri. [Q.Kos. **Raymond Urry et v. Avukat Generali**, 27 ta' Frar 2015]."

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza u oħrajn[16], kif ukoll fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet partikolari ta' dan il-każ din il-Qorti hi tal-fehma illi ir-rimedju għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għandu jkun fil-ħlas ta' danni morali fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) li illi għandu jitħallas lir-rikorrent mill-intimat Avukat Ġenerali bħala danni non pekunjarji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat,

1. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent; issib li d-dewmien fil-proċeduri kriminali fuq imsemmija kontra r-rikorrent Antonio Gatt illeda d-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ai termini tal-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

2. Tordna lill-Avukat Ġenerali intimat jħallas lir-Rikorrent is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) bħala kumpens non-pekunjarju għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Avukat Ġenerali.

Moqrija

[16] Ara wkoll **Henry Cassar vs. Avukat Ġenerali** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Frar 2009 u **Francis Said vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**